

RAPPORT PUBBLIKU EWROPEW TA' VALUTAZZJONI (EPAR)**SONATA****Sommarju tal-EPAR għall-pubbliku**

Dan id-dokument huwa sommarju tar-Rapport Pubbliku Ewropew ta' Valutazzjoni (EPAR). Jispyega kif il-Kumitat għall-Prodotti Medċinali għall-Użu mill-Bniedem (CHMP) iwwaluta l-istudji mwettqa sabiex jasal għar-rakkomandazzjonijiet tiegħu dwar kif tintuża l-mediċina. Jekk teħtieġ aktar informazzjoni dwar il-kundizzjoni medika tiegħek jew it-trattament tiegħek, aqra l-Fuljett ta' Tagħrif (parti wkoll mill-EPAR) jew ikkuntattja lit-tabib jew lill-ispiżjar tiegħek. Jekk tixtieq aktar informazzjoni relatata mar-rakkomandazzjonijiet tas-CHMP, aqra d-Diskussjoni Xjentifika (parti wkoll mill-EPAR).

X'inhu Sonata?

Sonata huwa mediċina li fiha s-sustanza attiva zaleplon. Huwa disponibbli f'kapsuli (bojod u kannella: 5 mg; bojod: 10 mg).

Għal xiex jintuża Sonata?

Sonata jintuża fit-trattament ta' adulti li jbatu mill-insonnja li jsibuha diffiċli biex jorqdu. Jintuża biss meta l-insonnja tkun severa, tindebolixxi jew tikkawża għeja u tbatija estrema. Il-mediċina tista' tinkiseb biss b'riċetta tat-tabib.

Kif jintuża Sonata?

It-trattament b'Sonata għandu jkun qas kemm jista' jkun u m'għandux idum aktar minn ġimagħtejn. Sonata jittieħed immedjatament qabel ma wieħed jidħol fis-sodda jew wara li l-pazjent ikun daħal fis-sodda u jkun qiegħed isibha diffiċli biex jorqod. Id-doża rakkomandata hija 10 mg, għajr għall-anzjani jew pazjenti b'mard tal-fwied ħafif jew moderat, li għandhom jieħdu 5 mg.

Id-doża massima totali kuljum ta' Sonata hija ta' 10 mg. Pazjenti m'għandhomx jieħdu t-tieni doża fi żmien lejl. Il-pazjenti m'għandhomx jieklu meta jieħdu Sonata u lanqas ftit qabel ma jagħmlu dan, minħabba li dan jista' jirriżulta fit-tnaqqis tal-effetti tal-mediċina. Sonata m'għandux jingħata lit-tfal jew lill-pazjenti b'problemi severi fil-fwied jew fil-kliwi. Għal aktar informazzjoni, ara l-Fuljett ta' Tagħrif.

Kif jaħdem Sonata?

Is-sustanza attiva f'Sonata, zaleplon, tapartjeni għal grupp ta' mediċini li huma relatati mal-benzodiazepines. Zaleplon huwa kimikament differenti mill-benzodiazepines, iżda jaħdem fuq l-istess riċetturi fil-moħħ. Huwa agonist tar-riċetturi tal-aċidu butiriku gamma-amino (GABA- gamma-amino butyric acid receptor agonist), li jfisser li jeħel mar-riċetturi tan-newrotrasmettitori tal-GABA u jattivahom. Newrotrasmettitori bħal GABA huma kimiċi li jippermettu liċ-ċelluli tan-nervituri jikkomunikaw bejniethom. Fil-moħħ, GABA jistimula l-irqad. Billi jattiva r-riċetturi tiegħu, zaleplon iżid l-effetti ta' GABA, li jinkorraġġixxu l-irqad.

It-trab fil-kapsuli Sonata huwa kkulurit b'żebgħa blu skura qawwija, biex jiġi evitat li jingħata lil xi ħadd mingħajr ma jkun jaf.

Kif ġie studjat Sonata?

Sonata ġie studjat f'total ta' 14-il studju, li involvew kważi 3,500 adult u pazjenti anzjani. Ħamsa minn dawn l-istudji kienu komparattivi: Sonata tqabbel ma' plaċebo (trattament finta) jew ma' zolpidem jew triazolam (mediċini oħra użata fl-insonnja). L-istudji ewlenin damu bejn ġimagħtejn u erba' ġimgħat. Il-kejl ewleni tal-effikaċja kien iż-żmien meħud minn pazjenti sabiex jorqdu. Xi studji eżaminaw ukoll iż-żmien li damu reqdin il-pazjenti u kif kienu qegħdin jorqdu.

X'benefiċċji wera Sonata matul l-istudji mwettqa?

Iż-żmien sakemm jorqdu l-pazjenti naqas f'adulti li kienu qegħdin jieħdu Sonata 10 mg, u l-effetti baqgħu hekk sa' erba' ġimgħat wara.

F'pazjenti anzjani, iż-żmien li damu biex jorqdu ħafna drabi naqas b'Sonata 5 mg u naqas dejjem b'Sonata 10 mg, meta mqabbel mal-plaċebo fl-istudji ta' ġimagħtejn.

Sonata 10 mg kien iktar effikaċi mill-plaċebo fit-tnaqqis taż-żmien li damu biex jorqdu u fiż-żieda taż-żmien ta' irqad matul l-ewwel nofs tal-lejl.

Sonata żamm ukoll il-mod kif kienu qegħdin jorqdu fl-istudji li kejl ż-żmien fl-istadji differenti tal-irqad.

X'inhum r-riskju assoċjat ma' Sonata?

L-aktar effetti sekondarji komuni b'Sonata (li dehru f'bejn 1 u 10 pazjenti minn kull 100) huma amnesija (problemi bil-memorja), parestesija (sensazzjonijiet anormali bħal tingiż), ħedla tan-ngħas u dismenorrea (mestrawazzjoni li tikkawża l-uġigħ). Għal-lista sħiħa tal-effetti sekondarji kollha rrapportati b'Sonata, ara l-Fuljett ta' Tagħrif.

Sonata m'għandux jintuża minn persuni li jistgħu jkunu ipersensittivi (allerġiċi) għal zaleplon jew għal xi ingredjenti oħra tiegħu. M'għandux jintuża f'pazjenti bi problemi severi fil-fwied jew il-kliwi, bis-sindromu ta' apnea tal-irqad (waqfien frekwenti tan-nifs waqt l-irqad), mijastenija gravis (marda li tikkawża indeboliment tal-muskoli) jew insuffiċjenza respiratorja severa (disturbi tan-nifs), jew f'pazjenti ta' taħt it-18-il sena.

Għaliex ġie approvat Sonata?

Il-Kumitat għall-Prodotti Mediċinali għall-Użu mill-Bniedem (CHMP) iddeċieda li l-benefiċċji ta' Sonata huma akbar mir-riskji tiegħu għat-trattament ta' pazjenti bl-insonnja li jsibuha diffiċli biex jorqdu, meta id-disturb ikun sever, b'indeboliment jew li jikkawża għeja kbira lill-individwi. Il-Kumitat irrakkomanda li Sonata jingħata awtorizzazzjoni għat-tqegħid fis-suq.

Tagħrif ieħor dwar Sonata:

Il-Kummissjoni Ewropea tat awtorizzazzjoni għat-tqegħid fis-suq fl-Unjoni Ewropea kollha għal Sonata fit-12 ta' Marzu 1999. L-awtorizzazzjoni għat-tqegħid fis-suq ġiet imġedda fit-12 ta' Marzu 2004 u fit-12 ta' Marzu 2009. Id-detentur tal-awtorizzazzjoni għat-tqegħid fis-suq huwa Meda AB.

L-EPAR sħiħ għal Sonata jista' jiġi kkonsultat [hawn](#).

Dan is-sommarju kien aġġornat l-aħħar fi: 03-2009.